# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum id-29 t'Ottubru 2019**

Appell numru 323 tal-2017

**Il-Pulizija**

**vs**

**Michael FARRUGIA**

Il-Qorti :

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Michael FARRUGIA detentur tal-karta tal-identita' numru 221952M u li ġie mixli talli fl-Imqabba, fiż-Żurrieq u/jew fi bnadi oħra f'Malta, nhar is-27 ta' Marzu 2016 għall-ħabta tal-1600 (in suċċint) :

1. Inġurja jew għamel offiża fuq il-persuna ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz ai termini tal-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali;
2. Attakk jew reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb kontra persuna inkarigati minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-Liġi ai termini tal-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali;
3. Qal kliem oxxen jew indiċenti ai termini tal-artikolu 338(bb) tal-Kodiċi Kriminali;

4. Kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku ai termini tal-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali;
5. M'obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' wieħed inkarigat skont il-Liġi minn servizz pubbliku ai termini tal-artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali;
6. F'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku instab fis-sakra b'mod li ka kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu innifsu ai termini tal-artikolu 338(ff) tal-Kodiċi Kriminali;
7. Irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali.

Rat ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-10 ta' Lulju 2017 li permezz tagħha dik il-Qorti wara li rat l-artikoli indikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu datata 2 ta' Ġunju 2015 jiġifieri l-artikoli 17(b)(h), 31, 49, 50, 95, 96(a), 338(bb)(dd)(ee)(ff) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, l-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu ikkundannatu għall-piena ta' għaxar xhur priġunerija kif ukoll għal multa ta' ħamest elef euro (€5000).

Illi Michael FARRUGIA ħass ruħu aggravat bil-piena inflitta u interpona appell permezz ta' rikors datat 18 t'Ottubru 2017 fejn huwa ressaq is-segwenti argumenti : -

1. Il-piena kienet esaġerata u barra minn lokha minħabba l-fatt li l-Qorti wriet insensittivita fir-rigward ta' kif seħħew il-fatti fejn l-appellant saħaq li huwa kien ġie msawwat mill-Pulizija li f'dan il-każ żbaljaw meta wżaw il-forza fuqu;
2. Illi l-appellant f'dan il-każ ġie umiljat mill-Pulizija għaliex kien f'Każin politiku u minħabba f'hekk il-Pulizija li marru biex iħarkuh

għax kien qiegħed ipejjep ġewwa ġabu ruħhom b'mod aħrax miegħu

3. Illi meta ttieħed forzosament l-Għassa taż-Żurrieq l-appellant jikkontendi li huwa ġie brutalment imsawwat kif kienu jindikaw iċ-ċertifikati u r-ritratti li ġew eżebiti minnu. Huwa minn naħa tiegħu pero għażel li ma jagħmilx rapport dwar dan l-aġir abbużiv tal-Pulizija;
4. Il-piena inflitta kienet kiefra wisq meta l-appellant ikkonċeda li żbalja u meta huwa ġie vittimizzat mill-aġir tal-Pulizija. Huwa jtenni li piena ta' priġunerija effettiva kellha tiġi evitata. L-istess ingħad għall-multa inflitta li fil-fehma tal-appellant kienet ħarxa wisq meta mqabla ma multi oħra li solitament jingħataw minn dawn il-Qrati f'każijiet simili. Dan kien jimmilita favur temperament tal-piena inflitta fuqu.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet lid-Difensuri tal-partijiet jittrattaw l-appell;

***Ikkunsidrat : -***

Peress li dan huwa appell limitat biss għall-piena inflitta, din il-Qorti trid tistħarreġ jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għas-sentenza tagħha billi tanalizza jekk il-piena inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju,

jew jekk kienetx manifestament eċċessiva.[1] Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely

---

[1] Dan irid jiġi mistħarreġ ukoll fid-dawl tal-fatt li l-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :

(a) **Retributtiv;**
(b) **Preventiv; u**
(c) **Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.**

L-**aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil-kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.

L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **qabel** ma twettaq l-att kriminuż.

Finalment hemm l-**aspett riedukattiv** u **rijabilitattiv** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

Fi ftit kliem, jispetta lill-Qorti tal-Maġistrati li tiddeċiedi fuq il-fatti tal-każ, fuq jekk l-imputat ikunx ħati jew le, u jekk ħati, x'piena għandha tingħatalu. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx ħadet xi żball fl-analiżi tal-provi jew tal-Liġi, allura s-sentenza tagħha tibqa' torbot u din il-Qorti ma tistax taqbad u tbiddilha jew tħassarha jekk ma jkunx hemm raġuni valida għaliex. Jekk pero l-Qorti tal-Maġistrati tkun ħadet xi żball, imbagħad din il-Qorti għandha d-dmir li dak l-iżball tirraġah.

Illi din il-Qorti, wara li analizzat il-provi u l-argumenti legali magħmula kemm quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fit-trattazzjoni tal-partijiet quddiemha, tqis li l-Qorti tal-Maġistrati ma ħadetx żball meta waslet li ssib lill-appellant ħati fir-rigward tar-reati li bihom ġie mixli. Dik il-Qorti kellha provi b'saħħithom biżżejjed biex tasal għall-dawk il-konklużjonijiet, bażati fuq ix-xiehda tal-Pulizija kollha involuti f'dan il-każ, kif ukoll ix-xiehda tat-tobba. Il-Qorti tal-Maġistrati qieset ukoll ix-xiehda li ta' l-appellant kif ukoll ix-xiehda ta' Miriam Farrugia. Biss dik

il-Qorti qieset li l-verżjoni mogħtija mill-appellant ma kellhiex mis-sewwa meta mqabbla mal-kumplament tal-provi li nġiebu quddiemha.

Din il-Qorti analizzat ukoll x'kienu l-pieni li kienu applikabbli għal dan il-każ fiż-żmien meta seħħew dawn ir-reati.

*Ikkunsidrat : -*

Din il-Qorti trid tanalizza wkoll jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet **manifestament eċċessiva** meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell ***Kandemir*** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb***, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju meta ġiet emanata dik il-piena.

Għalhekk il-Qorti ser titratta l-argumenti imresqin mill-appellant u dan sabiex tkun tista' tevalwa aħjar jekk il-piena mogħtija kienetx waħda

manifestament eċċessiva tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ. L-argumenti tal-appellant huma li għalkemm il-piena kienet fil-parametri legali, hija kienet eċċessiva.

Il-Qorti tal-Maġistrati rat u semgħet lill-Pulizija u lill-appellant jixhdu u setgħet tara l-mod kif xehedu u tagħmel evalwazzjoni min kien jidher quddiemha li qiegħed jgħid is-sewwa u min le. Min qed jaqbel fil-verżjoni li jkun qed jagħti u min ikun qed iħawwad fid-diskors. Bla dubju ta' xejn il-Qorti tal-Maġistrati kienet fl-aqwa qagħda li tistħarreġ il-verżjonijiet tax-xiehda kollha, ħafna aktar aħjar minn dak li qatt tista' tagħmel din il-Qorti li quddiemha għandha dak li x-xiehda qalu biss miktuba iswed fuq l-abjad. Din il-Qorti ma għexietx il-proċess bħal ma għamlet il-Qorti tal-Maġistrati. U huwa għalhekk li l-Qorti tal-Maġistrati hija tant importanti għaliex il-Liġi tħalli f'idejha l-eżerċizzju prinċipali tal-analiżi tax-xiehda tax-xhieda. U din il-Qorti ma tvarjax il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti kif ġieb u laħaq, għax l-analiżi tax-xiehda ta' dik il-Qorti għandha piż enormi; u kemm dan huwa minnu joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza Maltija, bħal fil-kawża ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Lanqas hu traskurabili l-fatt li l-ewwel Qorti kienet impressjonata bil-mod serju u sod li bih xehdet din Consiglia kif hemm rikordat fis-sentenza stess. Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination". Ghalhekk, kontra l-imputat hemm oltre dak li sejjer jinghad, dawn iż-żewġ xhidiet li ma gewx bl-ebda mod żvalorizzati, u li jassodaw pjenament l-imputazzjoni;

Il-Qorti tal-Maġistrati, wara li semgħet, b'mod partikolari x-xiehda tas-Surġent 1127 Malcolm Pace, PC1149 Aaron Debono, PC1416 Daniel Galea u lill-Ispettur Charlotte Curmi dehrilha, kif fil-fatt setgħet tagħmel, li temmen il-verżjoni tal-fatti dwar dak li ġara skont kif kienu qegħdin jgħidu dawn ix-xiehda. Il-Qorti tal-Maġistrati għażlet li temmen lilhom u mhux dak li kien qed jgħid l-appellant. Dik il-Qorti setgħet tagħmlu dan u ma hemm xejn li juri li din l-għażla kienet legalment żbaljata.

Mix-xiehda tas-Surġent Pace u l-kuntistabbli Debono u Galea b'mod partikolari jirriżulta li l-appellant ma ġabx ruħu tajjeb. Dawn ix-xiehda jgħidu eżatt kif l-appellant żbalja fl-imġieba tiegħu b'mod tali li kiser il-Liġi; u l-Qorti tal-Maġistrati, fuq dik ix-xiehda ta' dawn l-uffiċjali setgħet legalment u raġonevolment issibu ħati tal-imputazzjonijiet kif miġjuba kontrih.

L-appellant jikkontendi li huwa ġie msawwat mill-Pulizija, u ta' dan jippreżenta diversi ritratti kif jidhru f'paġna 117. Huwa jtenni wkoll li minn naħa tiegħu ġie trattat ħażin ħafna mill-Pulizija iżda ta' dan huwa għażel li ma jagħmilx rapport. Il-Pulizija mill-banda l-oħra ma jiċħdux li kellhom jisfurzaw lill-appellant fil-karozza tal-Pulizija iżda dan ma riedx jaf, irreżistihom u anke uża forza attiva kontra tagħhom tant li anke gidem lill-kuntistabbli Debono. Din il-Qorti setgħet tara li l-Qorti tal-Maġistrati kellha wkoll quddiemha kemm ċertifikat mediku maħruġ għall-ġrieħi li kellu l-appellant kif ukoll għall-ġrieħi li kellu l-kuntistabbli Debono.

Illi fix-xiehda tiegħu nhar it-23 ta' Novembru 2016 l-appellant jispjega kif huwa kien sofra l-ġrieħi. Jgħid li waqt li nhar l-Irxoxt kien il-każin tan-

Nazzjonalisti fl-Imqabba u kien ħa xi "erba'" drinks, huwa kien qiegħed ipejjep sigarett **fil**-każin, u kif raħ is-surġent daħal għalih *gas down* u beda jgħajjat miegħu għajjat spjetat. Jgħid li s-Surġent imbuttah u kważi qalbu. F'paġna 108 jgħid ukoll : *Imbagħad jiena għamilt bhalu*. Meta s-Surġent sejjaħ lil Pulizija l-oħra, dawn daħlu jiġru u qabduh u hu ma riedx jirkeb mas-Surġent. F'paġna 108 jgħid *u nsomma jien ma ridtx nirkeb mieghu, ma ridtx*. Imbagħad ġie wieħed tar-RIU u qallu biex imorru u mar miegħu fil-karozza lejn l-għassa taż-Żurrieq. Meta waslu l-Għassa u kienu isfel qal (wieħed jifhem, lill-Ispettura Curmi – għax dan il-fatt ma jirriżultax ċar mix-xiehda tiegħu) *ara x'ghamluli* u qal li wriha d-daqqiet li kien qalgħa mingħand il-Pulizija li ġarrewh barra mill-każin tal-Imqabba. Imbagħad telgħu fuq u waqt li kien hemm l-ispettura (Curmi) kien hemm xi għaxar pulizija u dawruh b'mod li hu kien fin-nofs u dam hekk xi sebgħa minuti. U telgħa wkoll is-Surġent 1127 Pace u dan is-surġent bagħtu jieħdu f't'ommu. Il-pulizija l-oħra ma qalulu xejn, iżda l-appellant jgħid li meta s-Surġent offendieh b'ommu, huwa għamel bħalu u f'dak il-mument l-appellant jgħid li s-surġent tah daqqa ta' ponn fuq għajnu (tal-lemin), storda u ntefa' mal-art. Imbgħad jgħid li bdew isawtuh biż-żarbun u ntefa' mal-art u bid-daqqiet ma setgħax iqum. L-appellant jiċħad li huwa waqa' t-taraġ. Wara niżel it-taraġ waħdu u ħaduh l-isptar. Jgħid li t-tabib tal-Isptar ma riedx jagħmillu ċertifikat. Kienet it-tifla tiegħu li ħadet ir-ritratti li huwa eżebixxa a fol 117.

Dwar dan il-punt din il-Qorti tisħaq li l-ġrieħi personali ma huma tajbin fuq ħadd, la fuq iċ-ċittadin komuni u l-anqas fuq Aġenti jew Uffiċjali tal-Pulizija. Biss jidher f'dan il-każ li l-Qorti tal-Maġistrati, fuq il-bażi tax-xiehda tal-Pulizija kif ukoll taċ-ċertifikati mediċi li ġew eżebiti fil-proċess

ma emnitx li l-ġrieħi li sofra l-appellant kienu dovuti għal swat li huwa qal li sofra minn idejn il-Pulizija skont kif xehed hu. Apparti hekk, għalkemm bint l-appellant, Miriam Farrugia, xehdet quddiem il-Maġistrat fis-7 ta' Frar 2017, fuq paġna 120, u qalet li meta marret l-Isptar tara lil missierha rat li kellu tbenġil f'idu, ġo wiċċu, f'għajnejh kellu girfa, kif ukoll ma setgħax jimxi sewwa, iċ-ċertifikat tat-tabiba Lauria f'paġna 22 juri li meta invistatu hi, l-appellant kellu *multiple bruising over both right and left forearms, especially the right forearm...one cm abrasion over left knee, painful right knee*. Ġie riferut ukoll għal X-ray u rriżulta li ma kellux ksur. Biss minn dan iċ-ċertifikat ma jirriżultax li l-appellant kellu tbenġil ukoll fuq wiċċu u grif f'għajnejh. In bażi għal dan kollu l-Qorti tal-Maġistrati għażlet li temmen ix-xiehda tal-Uffiċjali u Aġenti tal-Pulizija għax dehrilha li din kellha aktar mis-sewwa. Dik il-Qorti setgħet legalment u raġonevolment tagħmel dan.

Illi mix-xiehda tal-appellant imsemmija jirriżulta li huwa ammetta li kiser il-Liġi, kemm minħabba li huwa kien qiegħed ipejjep sigarett fil-każin, kif ukoll ammetta li imbotta lis-Surġent, ammetta li ma riedx jirkeb fil-karozza tal-Pulizija meta kien ordnat li jagħmel dan mis-Suġent kif ukoll ammetta li offenda lis-Surġent 1127 Pace. L-appellant hawnhekk żbalja bil-kbir.

L-imputat kien fid-dmir li, mingħajr paroli u xenati żejda, jobdi l-ordnijiet leġittimi li kienu ġew mogħtija lilu mill-Pulizija sabiex jirkeb fil-vettura tal-Pulizija u jmur l-Għassa taż-Żurrieq. L-ordnijiet leġittimi mogħtija mill-Pulizija liċ-ċittadin ma humiex hemmhekk biex jiġu konstestati, argumentati, mkasbra jew injorati sommarjament minn min jirċevihom.

L-ordnijiet leġittimi, bħal ma kien l-ordni tas-Surġent f'dan il-każ, qegħdin hemmhekk biex jiġu obduti – dejjem u mingħajr dewmien. Biss iċ-ċittadin li jħoss li għandu lment dwar dak l-ordni jkun jista jirreklama **wara** l-gustizzja intrinseka ta' dik l-ordni.[2] Dan għax jekk ma jkunx hekk, iwassal għal sitwazzjoni fejn kull persuna li jidhrilha li ma trid toqgħod għall-ordni mogħtija lilha mill-Pulizija tkun tista' tħoss li tista' tagixxi kif trid u jogħġobha mingħajr ħadd ma jkun jista' jżommha jew irażżanha.

L-appellant, bħala ċittadin ordinarju, ma jistax jippretendi li jista' jagħmel dak li jidhirlu, fejn jidhirlu, mingħajr konsegwenza. Għalkemm kien liberu li jpejjep, ma kienx liberu li jpejjep ġewwa każin u dan għax hemm il-Liġi li trażnu milli jagħmel dan. Malli ma segwiex din il-Liġi li trażnu, huwa ġie li kiser il-Liġi. Kienet il-Pulizija li kellha s-setgħa trażnu u din is-setgħa ttihielha l-Liġi stess. Anzi, hija l-Liġi stess li filwaqt li trażżan liċ-ċittadin komuni milli juża l-forza kontra persuna oħra, għajr ħlief f'każijiet eċċezzjonali bħal fil-każ ta' difiża leġittima, hija l-Liġi stess li tagħti s-setgħa lill-Pulizija li fl-eżekuzzjoni u l-ħarsien tal-Liġi, jkunu jistgħu jużaw il-forza. Issa jekk l-appellant jgħid li l-Pulizija ma użawx il-forza b'mod proporzjonat u legali jew inkella li huma użaw forza eċċessiva, huwa kellu d-dritt, anzi d-dmir, li huwa jirraporta lil dak il-Pulizija li skont hu kien qiegħed juża l-forza b'mod ħażin lill-Awtorita kompetenti. Biss iċ-ċittadin ma jistax jinjora ordni leġittima ta' Pulizija jew saħansitra jirritalja għal dik l-ordni b'atti ta' forza attiva jew saħansitra billi juża vjolenza kontra l-Pulizija. Meta jagħmel hekk, huwa jkun qiegħed jikser il-Liġi. U anke jekk setgħa kellu punt raġun, jispiċċa biex jieħu t-tort hu.

[2] ***Il-Pulizija vs Maria Victoria Sive Marvic Attard Gialanze***, Qorti tal-Appell Kriminali, per VDG, 25 ta' Ġunju 1997.

*Ikkunsidrat : -*

Illi fejn din il-Qorti ma taqbilx mal-Qorti tal-Maġistrati huwa dwar is-seba' imputazzjoni ossija l-addebitu tar-reċidiva skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, fis-sens li ser jingħad.

Il-Qorti tal-Maġistrati tagħat il-piena tagħha wkoll billi kkunsidrat lill-appellant bħala li kien reċidiv fit-termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni eżebiet sentenza mogħtija kontra tal-appellant nhar is-27 ta' Marzu 2014 kontra l-appellant fejn huwa kien instab ħati tal-offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' gwardjan lokali, li għamel attakk u reżistenza kontra tiegħu, li għamel oltraġġ fil-konfront tiegħu, li m'obdiex l-ordnijiet leġittimi tiegħu, u li kkaġuna biża li se tintuża vjolenza kontrih. L-appellant kien ammetta għal dawk ir-reati u ingħata sentenza ta' liberazzjoni kondizzjonata għal perjodu ta' sentejn kif ukoll multa ta' mitejn euro bi żmien sena għal ħlas.

Issa l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi s-segwenti : -

> Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.

Din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawżi fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Jason James Agius,***[3] ***Il-Pulizija vs Joseph Zahra,***[4] u ***Il-Pulizija vs Paul Abela,***[5] u oħrajn kemm qabilhom u kemm warajhom, juru biċ-ċar li appati li l-addebitu tar-reċidiva jeħtieġ li jitressaq permezz t'imputazzjoni speċifika, din trid tiġi wkoll pruvata mill-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

Fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Francis Caruana*** tat-12 ta' Marzu 2009, din il-Qorti diversament presjeduta stqarret li l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali ma jiddistingwix bejn kundanni għal pieni pekunjarji jew restrittivi tal-liberta personali. B'hekk f'każ bħal dak in disamina, dan l-artikolu jeħtieġ li biex persuna titqies reċidiva, din il-persuna trid tkun ġiet ikkundannata għal delitt, u tagħmel delitt ieħor fi żmien ħames snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-multa.

Magħqudin flimkien dawn l-insenjamenti jġibu l-konsegwenza li sabiex il-Prosekuzzjoni jirnexxilha tistabbilixxi li imputat huwa reċidiv fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, il-Prosekuzzjoni trid tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni :

(a) li l-imputat ikun ġie ikkundannat għal delitt;[6]
(b) b'sentenza li tkun għaddiet in ġudikat;
(c) li l-imputat ikun dak li wettaq id-delitt il-ġdid;

---

[3] Tal-5 ta' Novembru 2001.
[4] Tal-24 ta' Frar 2003.
[5] Tal-10 ta' Settembru 2004.
[6] Billi issir il-prova bil-mezz ta' kopja awtentika tas-sentenza kundannatorja li fuqha jkunu jirriżultaw il-konnotati identiċi tal-ħati jew almenu jkun hemm prova oħra tal-identita tal-ħati mal-imputat li jkun irid jiġi ritenut bħala reċidiv.

(d) ikun wetqu fi żmien għaxar snin (jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin) jew fi żmien ħames snin (fil-każijiet l-oħra kollha);

(e) minn dak in-nhar li **jkun skonta jew tkun inħafritlu l-piena**.

Huwa biss meta dan kollu jkun ġie pruvat sal-grad li trid il-Liġi li l-Qorti tkun tista', ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, tgħaddi biex timponi piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.

Minħabba f'hekk issir determinanti li l-Prosekuzzjoni tipprova sal-grad rikjest mill-Liġi meta eżattament il-piena inflitta preċedentement tkun ġiet skontata jew tkun ġiet maħfura. Dan huwa rekwiżit legali għar-reċidiva, u mhux biss xi dettall li wieħed jista' jgħaddi mingħajru. Din il-prova, bħal kull prova oħra fil-kamp kriminali tkun trid, b'xi mod tirriżulta mill-atti proċesswali, u tista' tieħu forma kemm dokumentarja kif ukoll dik orali, jew it-tnejn flimkien, skont il-każ.

Trattandosi ta' piena ta' multa, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha tal-15 t'April 2015 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Josef Borg*** iddeċidiet li l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali huwa applikabbli għall-każijiet fejn persuni jiġu misjuba ħatja ta' delitti u kkundannati għall-ħlas ta' multi kif ukoll li skont l-artikolu 665 tal-Kodiċi Kriminali :

> Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28A u d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi dwar il-ħlas ta' pieni ta' flus, kull deċiżjoni għandha tiġi esegwita minnufih li tingħata.

In bażi għall-dan l-artikolu dik il-Qorti kienet ikkonkludiet li għall-piena ta' multa l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali jiskatta mid-data ta' dik is-sentenza; filwaqt li fil-każ ta' meta l-Qorti tkun ikkonċediet żmien għall-ħlas tal-multa, it-terminu msemmi fl-artikolu 50 ma jiskattax sakemm il-perjodu għall-ħlas tal-multa ikun għadu ma skadiex.

Biss din il-Qorti kif presjeduta tqis li dak li l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi huwa mhux biss meta s-sentenza għandha titqies li tiġi eżegwita – f'liema każ, allura kif jgħid l-istess artikolu, minnufih – iżda t-terminu hemm prefiss mill-artikolu 50 huwa marbut ma meta l-piena inflitta, ossija l-multa f'dan il-każ, tkun ġiet **skontata jew maħfura**. Għalkemm is-sentenzi għandhom ikunu eżegwiti minnufih (bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28A u d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi dwar il-ħlas ta' pieni ta' flus) l-enfażi tal-Liġi fl-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali qiegħed fuq l-iskontar jew maħfra tal-piena u mhux daqstant fuq l-eżegwibbilta' immedjata tas-sentenzi.

Il-ħati li jkun ġie kundannat għall-ħlas tal-multa għandu d-dover li jħallas il-multa immedjatament. Fil-każ li ma jkunx ingħata żmien għall-ħlas tal-multa mill-Qorti, l-obbligu tiegħu huwa li jħallas il-multa minnufih. Fil-każ li jkun ġie konċess lilu żmien biex iħallas huwa jrid iħallas il-multa entro dak iż-żmien. Iżda jekk ma jħallasx il-multa, ma jistax jingħad li huwa jkun **skonta l-piena;** jew li huwa skonta l-piena sempliċiment għax is-sentenza ta' multa, skont il-Liġi, trid tiġi eżegwita minnufih. Il-ħati għandu l-obbligu li jħallas il-multa; filwaqt li l-Amministrazzjoni tal-Qrati għandha d-dmir li tara li s-sentenzi tal-Qrati jiġu eżegwiti tempestivament u li tieħu l-azzjoni meħtieġa biex twettaq dawn is-

sentenzi, inkluż il-ġbir tal-multi jew fil-każijiet kongruwi, il-konverżjoni tagħhom fi priġunerija. Hemm ikun jista' jingħad li l-piena tkun ġiet skontata.

Din l-interpretazzjoni ssib ukoll il-konfort tagħha f'sentenza preċedenti mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta tal-10 ta' Lulju 2015 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Anthony Said***,[7] ġie mistqarr is-segwenti : -

> Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar is-sottomissjoni li l-perjodi speċifikati fl-artikolu 50 f'kull każ ma jiskattawx jekk il-persuna konċernata ma tkunx skontat il-piena għaliex dan ikun ifisser li sabiex persuna tevadi l-awment fil-piena konsegwenza ta' reċidivita' kull ma għandha tagħmel hu li ma tħallasx il-multa imposta jew tevadi l-inkarċerazzjoni. B'hekk jinħoloq inċentiv lill-ikkundannat sabiex jagħmel minn kollox biex jevadi s-sanzjoni tal-Qorti u b'hekk jevadi l-awment fil-piena f'każ ta' reċidiva. Dan ma jidhirx li jiffavorixxi politika penali sana. B'danakollu, id-diċitura tal-artikolu 50 ma jidhirx li jħalli alternattiva lill-Qorti ħlief li tagħti lill-kliem tal-istess artikolu t-tifsira naturali tiegħu u ċioe' li t-termini preskritti fl-artikolu 50 għall-finijiet tal-awment tal-piena jiskattaw meta l-ewwel sentenza tkun ġiet skontata. Peress li s-sentenza ma tistax titqies skontata jekk il-multa ma tkunx ġiet mħallsa, jew konvertita fi priġunerija li tiġi skontata, allura fil-każ li ma jirriżultax li l-piena tal-multa tkun ġiet imħallsa l-awment fil-piena minħabba r-reċidiva ma japplikax. Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li ma setax isir awment fil-piena minħabba reċidiva fuq l-iskorta tas-sentenza tas-7 ta' Marzu 2008 peress li ma jirriżultax li l-piena tal-multa imposta f'dik is-sentenza kienet ġiet mħallsa jew ġie skontat xi perjodu ta' priġunerija minflok dik il-multa.[8]

Din il-Qorti hija konfrontata b'sitwazzjoni simili ħafna f'dan il-każ fejn mill-atti ma jirriżultax li Prosekuzzjoni b'xi mod pruvat sal-grad rikjest mill-Liġi jekk u meta l-multa inflitta bis-sentenza tas-27 ta' Marzu 2014 ġiet imħalsa, ossija skontata jew maħfura. B'hekk mhux possibbli li jiġi stabbilit jekk meta l-appellant wettaq ir-reati imputati lilu huwa kienx

[7] Mill-Prim'Imħallef Emeritu Silvio Camilleri.
[8] Din il-linja ta' ħsieb jirriżulta wkoll li ġiet segwita minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Joseph Grech*** deċiża nhar it-28 ta' Ġunju 2017.

jikkwalifika bħala reċidiv mhux biss ai fini tal-artikolu 49 iżda wkoll fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali għaliex ma jistax jingħad jekk huwa ħallasx dik il-multa fl-ewwel lok.

Il-prova tar-reċidiva, nonche tal-iskontar jew maħfra tal-piena stabbilita fis-sentenza trid tinġieb mill-Prosekuzzjoni u f'dan il-każ din il-prova hija nieqsa. Dan sejjer iwassal lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tqis lill-appellant reċidiv fit-termini tal-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali, mill-banda l-oħra ma tistax tqisu li huwa reċidiv ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Hemm imbagħad il-problematika l-oħra li f'dik is-sentenza il-Qorti tal-Maġistrati kienet applikat il-"*piena*" ta' liberazzjoni kondizzjonata skont l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Skont is-sentenza ***Il-Pulizija vs Lydon Cutajar*** mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta tas-6 ta' Frar 2013 ġie ritenut li persuna ma tistax titqies li hija reċidiva fir-rigward ta' mezzi ta' trattament kontemplati fil-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi oħra tal-istess Qorti bħall-Appell Kriminali ***Il-Pulizija v. Stephen Zahra,*** deċiż fit-30 ta' April 2008 u l-Appell Kriminali ***Il-Pulizija v. George Desira*** deċiż fid-9 ta' Jannar 2013.

Din il-Qorti għalhekk ma tistax taqbel mal-Qorti tal-Maġistati li f'dan il-każ l-appellant kellu jiġi wkoll misjub ħati tar-reċidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali. Dan waħdu jimmerita temperament fil-piena erogata kontra tiegħu.

Illi apparti minn dan jirriżulta wkoll mix-xiehda tal-appellant li huwa stqarr li kien iddispjeċih talli kien offenda lis-Surġent 1127 Pace. Verament li kien ikun aktar għaqli għall-appellant li kieku obda mill-ewwel l-ordni tas-Surġent Pace għax probabbilment dan il-każ kien jiġi evitat kompletament. Verament ukoll li l-fatt li l-appellant wera li kien iddispjeċih għal dak li kien seħħ ma kienx biżżejjed biex jinnewtralizza r-responsabbilta' kriminali tiegħu li titnissel mill-egħmil tiegħu kif misjub mill-Qorti tal-Maġistrati. Iżda mill-banda l-oħra din il-Qorti jidhrilha li meta l-appellant għamel dik l-istqarrija li ddispjeċih juri, almenu li rrealizza li għemilu ma kienx tajjeb u li ma messux tkellem kif tkellem jew ġab ruħu b'dak il-mod. Dan ser jittieħed in konsiderazzjoni fis-sentenza ta' din il-Qorti, li mill-banda l-oħra ma tistax tinjora li l-Uffiċjali Pubbliċi kollha u l-Qawwiet taż-żamma tal-ordni bħal Pulizija qegħdin hemm biex jipproteġu lin-nies u mhux qegħdin hemm biex jiġu mgħajra, mhedda jekk mhux ukoll offiżi fuq il-persuna tagħhom.

## *Decide : -*

Li għall-motivi premessi, din il-Qorti qegħda tilqa' dan l-appell, u tirriforma s-sentenza appellata biss billi :

(a) tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati tal-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali; kif ukoll
(b) tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn ikkundannat lill-ħati għall-piena ta' għaxar xhur priġunerija;

u minflok :

(a) tiddikjara li għall-fini ta' dawn il-proċeduri mhix qegħda tikkonsidrah bħala li huwa reċidiv ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali;

(b) tikkundanna lill-ħati għall-piena ta' **<u>seba' xhur priġunerija</u>** iżda tordna li din is-sentenza in kwantu għal piena ta' priġunerija m'għandhiex tibda' sseħħ ħlief jekk matul il-perjodu ta' **sentejn** mill-lum l-appellat jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali ordnat li din is-sentenza għandha tiġi fis-seħħ. Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat bi kliem ċar u li jinftiehem lill-appellat ir-responsabbilita tiegħu mnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Altrimenti, il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament tagħha.

***Aaron M. Bugeja,***
***Imħallef***